**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 103/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Alex Junior Mamo**

**Illum 26 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront ta' Alex Junior Mamo, iben Xandru Kristin Ġenju u Silvana neè Grech, imwieled il-Pietà, Malta, nhar l-20 ta' Awwissu 1998 u detenur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 317698(M), talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019, ġewwa l-fond 1, "Il-Kikkra", Triq il-Labour, Żejtun, u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marija Agius, kif iċċertifika Dr. Alex Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Luca Agius, liema persuna jiġi ħu l-akkużat, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;
3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'perikolu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Leonard Seysun, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;
4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal żmien erbgħa snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta nhar it-22 ta' Awwissu 2016;
5. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati li permezz tagħhom kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 2018;

[1] Fol. 194 u 195 tal-proċess.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Alex Junior Mamo bħala persuna reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzii mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur Leonard Seysun, Luca Agius u Marija Agius ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA8" esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 7 sa' 24 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Marija Agius mogħtija waqt is-seduti tas-26 ta' Frar 2019[3] u tas-16 ta' Novembru 2020[4] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MAX" a fol. 271 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Leonard Seysun mogħtija waqt is-seduti tas-26 ta' Frar 2019[5] u ta' l-10 ta' Diċembru 2020[6], semgħet ix-xhieda ta' Dr. Alexander Grima mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2019[7] u x-xhieda ta' Luca Agius mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Marzu 2019[8] u tas-16 ta' Novembru 2020[9], semgħet ix-xhieda ta' Liam Mifsud mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2019[10] u x-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' April 2019[11], tat-13 ta' Ġunju 2019[12], tas-17 ta' Ġunju 2019[13], ta' l-4 ta' Frar 2020[14] u ta' l-10 ta' Diċembru 2020[15] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RA" u Dok. "RA1" a fol. 63 sa' 70 tal-proċess, id-dokument markat Dok. "RA1" a fol. 111 sa' 114 tal-proċess u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2018 a fol. 190 sa' 193 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1434 Mario Mercieca[16], ta' PC417 Louis Degabriele[17] u ta' PC1094 Braden Bonnici[18] lkoll mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2019, semgħet ix-xhieda ta' WPC388 Graziella Formosa[19] u ta' WPC994 Charmaine Grech[20] entrambe mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019 u x-xhieda ta' Jacqueline Zammit mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019[21], semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Anabel Bugeja[22], ta' Matthew Agius[23] u ta'

[2] Fol. 199 tal-proċess.
[3] Fol. 28 sa' 31 tal-proċess.
[4] Fol. 265 sa' 270 tal-proċess.
[5] Fol. 32 sa' 34 tal-proċess.
[6] Fol. 278 sa' 286 tal-proċess.
[7] Fol. 36 u 37 tal-proċess.
[8] Fol. 38 sa' 40 tal-proċess.
[9] Fol. 272 sa' 275 tal-proċess.
[10] Fol. 55 u 56 tal-proċess.
[11] Fol. 60 sa' 62 tal-proċess.
[12] Fol. 110 tal-proċess.
[13] Fol. 135 tal-proċess.
[14] Fol. 188 u 189 tal-proċess.
[15] Fol. 287 u 288 tal-proċess.
[16] Fol. 73 sa' 75 tal-proċess.
[17] Fol. 76 u 77 tal-proċess.
[18] Fol. 78 u 79 tal-proċess.
[19] Fol. 95 u 96 tal-proċess.
[20] Fol. 97 tal-proċess.
[21] Fol. 107 sa' 109 tal-proċess.
[22] Fol. 128 sa' 130 tal-proċess.
[23] Fol. 131 u 132 tal-proċess.

Matthew Azzopardi Meli[24] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019, semgħet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Awwissu 2019[25] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 147 sa' 158 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tas-Social Worker Marilyn Agius[26], tas-Social Worker Sarah Farrugia[27] u ta' PC372 Charles Desira[28] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2019, semgħet ix-xhieda ta' Mark Cauchi[29] u ta' Bryan Magro[30] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2020 u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020[31] u rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leonard Emanuel Bernard Tony Elvis Seysun" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Frar 2019 esebita mill-Prosekuzzjoni permezz ta' Nota ppreżentata fl-14 ta' Diċembru 2020 a fol. 289 sa' 292 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[32], li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215, 221, 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 23 ta' l-Att dwar il-Probation, Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 31, 49, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2020[33], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja u huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019, ġewwa l-fond 1, "Il-Kikkra", Triq il-Labour, Żejtun, u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marija Agius, kif iċċertifika Dr. Alex Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;

---

[24] Fol. 133 u 134 tal-proċess.
[25] Fol. 145 u 146 tal-proċess.
[26] Fol. 165 sa' 168 tal-proċess.
[27] Fol. 169 sa' 171 tal-proċess.
[28] Fol. 172 u 173 tal-proċess.
[29] Fol. 237 sa' 240 tal-proċess.
[30] Fol. 241 sa' 243 tal-proċess.
[31] Fol. 249 sa' 254 tal-proċess.
[32] Fol. 200 u 201 tal-proċess.
[33] Fol. 247 tal-proċess.

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Luca Agius, liema persuna jiġi ħu l-akkużat, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;
3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'perikolu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Leonard Seysun, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137;
4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal żmien erbgħa snin mogħtiija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta nhar it-22 ta' Awwissu 2016;
5. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati li permezz tagħhom kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 2018;

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' Alex Junior Mamo bħala persuna reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzii mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur Leonard Seysun, Luca Agius u Marija Agius ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[34].

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 6 ta' Marzu 2020[35], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215, 221, 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 23 ta' l-Att dwar il-Probation, Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 31, 49, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ix-xhieda prinċipali f'dawn il-proċeduri huma l-allegati vittimi ossia Marija Agius, Leonard Seysun u Luca Agius, u l-imputat.

**Marija Agius**[36] xehdet illi qabel ma seħħ l-allegat inċident mertu ta' dawn il-proċeduri *għamilt ġimgħa nagħmel kuntatt mal-179 fejn Alex Mamo u Luke Agius, li huwa t-tifel tiegħi, u meta bdejt nara li qed juża abbuż fuqu, swat u theddid. Jiena bdejt imbagħad ninforma b'kollox il-179 u mbagħad tkellimt ma' żewġ social workers Maureen ta' l-Appoġġ u Pauline ta' Paolo Fleur de Lin iż-Żejtun. ... L-aħħar ġurnata li kellimt lil Pauline f'din il-ġurnata fit-12, dakinhar kelli appuntament ma' Pauline iż-Żejtun, Paolo Fleur de Lin, u kienet qaltli "isma minni mur kellem lill-Pulizija". Jiena hekk għamilt, kellimt lill-Pulizija ta' l-Għassa taż-Żejtun it-206 u ovvjament ma seta' jagħmel xejn*

[34] Fol. 199 tal-proċess.
[35] Fol. 200 u 201 tal-proċess.
[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019, fol. 28 sa' 31 tal-proċess.

*għax ried ikellem lis-Surġent għax ma kienx dakinhar l-Għassa imma ċempillu quddiemi u s-Surġent qallu "l-unika soluzzjoni hija li ntellgħuhom il-Qorti." Jiena ma ħadtx passi u m'aċċettajtx minn naħa tiegħi għax kont naf x'ħa jiġri, ħa jibgħatuni għalih u ħa jkun hemm iktar theddid u biża min-naħa tiegħu. Naf x'kien ħa jiġri u għedt aħjar nogħqod kwieta ma nmexxix dawn il-passi għax ipattihielna żgur, u dan id-diskors għedtulu lill-Pulizija. Filgħaxija obdejt mis-Social Worker u qbadt ħa nippakkjalu l-affarijiet, ġie jagħmel subgħajh m'għajnejja u beda jgħidli "hemm x'inti tagħmel tmiss xejn", beda jgħajjat u juża attitudini ħażina u jitkellem ħażin. Imbagħad ġie il-partner tieħi u qallu 'neħħi subgħajk minn ma' wiċċha u ara ma tmisshiex għax dik mara" u ma nafx kemm-il darba qalielu u baqa' jinsisti, beda jiftaħ sidru, beda jagħmilli hekk u aktar beda jersaq lejja sakemm ried iħebb għalija biex isawwatni. Il-partner tiegħi sadanittant qabdu minn wara, beda jżommu biex ma jmissnix għax għalxejn beda jgħidlu 'tmissx mara, ara ma tmisshiex". Imbagħad dar fuq it-tifel u qabad iħabbatlu rasu mal-madum tal-kamra tal-banju l-ewwel ma għamel. … Meta ħabbatlu rasu jiena mort biex inferraqhom biex ma jkomplix itih. Dak il-ħin it-tifel tajtu l-mobile u għedtlu 'iġri iġri mur ċempel lill-Pulizija" x'ħin rajt li ma stajt nagħmel xejn. Meta lit-tifel ralu l-mobile f'idejh, it-tifel tiegħi ħarab jiġri lejn il-bieb ta' barra, Alexander mar biex iħebb għat-tifel, jiena mort nipprova inżommlu l-bieb biex ma joħroġlix it-tifel, anki minħabba bil-panik u hekk tista' ittajru karozza. X'ħin mort biex nifridhom u biex inżomm il-bieb, jagħtini waħda b'moħħu, kien viċin tiegħi, jagħtini waħda b'moħħu, dak il-ħin middni ma' l-art u intlift minn sensija. … imbagħad daqshekk għal ftit tal-minuti ma bdejtx niftakar x'ġara għax jiena domt naqra għax imbagħad wara li qomt bdejt inħossni storduta u anki bdejt nirremetti d-demm dak il-ħin u ma kontx naf x'qed nagħmel. Naf li ħarab jiġri lejn il-bieb, faqa' l-ħġieġa u kompla jagħti lit-tifel tiegħi, imbagħad daħal għalih Leonard u ħebbew għal xulxin, Leonard u Alexander. Qabdu jagħtu kemm jifilħu fil-kamra tal-banju u jiena bdejt nipprova inferraqhom.* Mistoqsija fejn laqatha l-imputat Marija Agius wieġbet *fuq l-għadma ta' mnieħri, kisirieli nfatti* u għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri hu tak daqqa b'moħħu fuq l-għadma ta' mnieħrek?* hija wieġbet *ħa ngħidlek kif kienet, hu kien hekk fetaħ sidru, x'ħin jiena bdejt inżomm il-bieb ma joħroġlix għat-tifel tiegħi beda jiftaħ sidru u beda jgħidli "ħallini, ħallini ħa noħroġ" u nsomma uża kelma pastaża tibda biż-ż… u jiena għedtlu "le minitx ħiereġ għat-tifel" u kif eżatti rani nimpika miegħu ma rridux joħroġ, itini waħda bis-salt li kien għoddu midni ma' l-art.*

In kontro-eżami[37] Marija Agius tenniet illi *Pauline is-social worker taż-Zejtun kienet qaltli biex jiena mmur inkellem Pulizija minħabba li kien għaddej l-abbuż tas-swat għax kien qed isawwat lit-tifel tiegħi. … Alexander, l-ewwel li ma beda lili għaliex jiena kelli ordni mingħand il-Pulizija taż-Żejtun (it-206) u mingħand is-Social Worker fejn qaltli biex immur nippakkjalu ħwejġu u meta Alexander daħal minn barra u sab ħwejġu ppakkjati, m'aċċettaħiex. Ovvjament qalli kelma baxxa u ħażina u mhux se nirrepetiha mbagħad jiena għedtlu x'jiġifieri hawnhekk ġo ħwejġi qiegħed u reġa' qalli din il-kelma tibda biż-"ż" mhux se nirrepetiha, imbagħad qabeż il-partner tiegħi Leonard u qalllu ara kif tkellimha, qallu mela ħsibtha l-annimal tiegħek għax beda juża kliem baxx. … Imbagħad insomma qabad, fetaħ sidru, imbuttanti, il-partner tiegħi mbagħad daħal fin-nofs x'ħin rah se jħebb għalija u Alexander beda jgħidli le, ma rridx nitlaq minn hawn għax hawnhekk tiegħi u għidtlu le, ma titlaqx minn hawn għax ninżel l-għassa bil-kuntratt u malajr nurik fejn hu tiegħek hawn. M'aċċettax li jiena ppakkjajtlu l-ħwejjeġ. … Alexander għamel tlett xhur għandi u wara tlett xhur inqala' dan il-hassle kollu għax m'aċċettax meta jiena ħadt ordni mingħand il-Pulizija u*

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 265 sa' 270 tal-proċess.

*imbagħad is-social worker li mmur nippakkjalu l-ħwejjeġ. Issa dawn qaluli biex jiena nagħmillu rapport ovvjament ħalli jtellgħuh il-Qorti imma kien hemm raġuni valida għalfejn jiena m'aċċettajtx u m'għamiltx rapport u jista' jikkonfermalkom il-Pulizija 206 taż-Zejtun u se ngħid x'inhi r-raġuni. Dan ried joqgħod taħt is-saqaf tiegħi sakemm aħna nidhru l-Qorti u jiena naf x'seta' jiġri u bżajt biex inkun onesta u l-Pulizija meta tkellimt miegħu fehmni u qalli mela OK, ma mmexxu xejn rapport għaliex qalli vera dan sakemm inressquh il-Qorti se jkun għadu qed jgħix għandek u dan seta' jagħmel xi vendetta minni kif appena jibagħtu għalih il-Pulizija.* Dwar l-allegata daqqa li taha l-imputat Marija Agius iddikjarat illi *ma laqatnix le, imma tahieli apposta b'rasu u għadni sal-ġurnata ta' illum jiena naf kif tahieli. … jiena kont qiegħda ħdejn il-bieb ta' barra għax it-tifel jiena dak il-ħin bdejt ngħajjat u bdejt ngħidlu mur għajjat għall-għajjut u ara jekk tarax xi Pulizija fit-triq. Alexander, meta semani ngħid hekk ried joħroġ jiġri għat-tifel u jiena ovvjament ridt niddefendi lil ibni. Mort inżomm il-bieb ta' barra, Alexander ġie u fetaħ sidru, beda jgħidli biex ninqala' min-nofs, jiena ovvjament ma ridtx ninqala' min-nofs u bdejt nagħmel ta' rasi u ridt niddefendi lit-tifel u ma ħallejtux joħroġ għalih. X'ħin rani li jiena bdejt nimpika miegħu, reġa' fetaħ sidru u għamilli hekk u ħadni hawn fuq imnieħri.*

**Leonard Seysun**[38] iddikjara li fit-*12 ta' Frar, għednielu biex jippakkja u filgħodu mal-ġurnata jitlaq. X'ħin għednielu hekk beda jirritalja, fehmnieh is-sitwazzjoni li is-social workers taw din l-ordni minħabba t-tifel u jekk m'aħniex ser nagħmlu hekk, lit-tifel jistgħu jieħduhulna, imbagħad hu rritalja u jiena bdejt nipprova inżommu, spiċċajna nagħtu jiena u hu, iġġilidna xi tliet darbiet, beda jkisser u lil Marija taha daqqa ta' ras. … Wiċċha, ħarġilha xeba demm, stordieha, infatti niżlet ma' l-art, jiena bdejt nipprova nżommha, sa' dak il-ħin it-tifel daħal fit-toilet biex iċempel lill-Pulizija u għalaq il-bieb tat-toilet, Alexander kisser il-ħġieġa tal-bieb tat-toilet, daħal għalih u beda jagħtih lit-tifel, sabbatlu l-mobile ma' l-art ukoll imbagħad jiena dħalt għalih fit-toilet, tlaqt lil Marija, u erġajna qbadna nagħtu hemmhekk u waqajna fil-banju jiena u hu. Wara xi tlett minuti nagħtu jiena u hu ġol-banju qalli "itlaqni" u għall-ewwel ma ridtx nitilqu jiena u bdejt inżommu biex ma jsawwathomx lilhom għax kieku ma kontx hemm kien joqtolhom, imbagħad reġa' talabni biex nitilqu, tlaqtu, reġa' mar għalihom u sakemm qomt jiena erġajt mort fejn il-bieb u sibtu qed jagħtihom. Erġajna qbadna nagħtu fejn il-bieb spiċċajna nagħtu ma' l-art, Marija bdiet tipprova tferraqna imma ma rnexxilhiex għax kienet storduta imbagħad wara xi tliet minuti nagħtu erġajna, reġa' talabni biex joħroġ 'il barra, ried il-flokk, tajniehulu u ħareġ 'il barra. Kissrilna żewġt iżwiemel, il-ħġieġa u xeba' affarijiet.*

In kontro-eżami[39] Leonard Seysun iddikjara li hekk kif inqala' l-argument, l-ewwel ma għamel l-imputat kien li *ta daqqa ta' ras lil Marija u stordiha. … mar qrib tagħha … biex taha daqqa ta' ras bilfors mar magħha … kien 'il bogħod imbagħad ġie ħdejha u taha daqqa ta' ras.* Mistoqsi fejn seħħ dak minnu deskritt, Leonard Seysun wieġeb *fil-kċina* u għall-mistoqsija *intom għedtu li kien ħdejn xi bieb. Fejnu il-bieb u fejn qiegħda l-kċina?* Leonard Seysun wieġeb *eżatt qegħdin ħdejn xulxin. Kull m'hemm biċċa ħajt żgħir daqshekk.* Mistoqsi jippreċiża liema bieb kien qed jirreferi għalih, Leonard Seysun qal *ta' barra.* Huwa kompla jgħid li wara li l-imputat ta daqqa lil Marija Agius huwa (ossia l-imputat) mar jagħmel għal ħuħ Luca Agius li dak il-ħin kien qiegħed iktar 'l ġewwa fid-dar, senjatament fit-toilet. Spjega li biex daħal għal Luca Agius kisser il-ħġieġa tal-bieb tat-toilet *biex jidħol għalih għax kien qed jistaħba l-ieħor. … Għax ovvja li se*

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019, fol. 32 sa' 34 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020, fol. 278 sa' 288 tal-proċess.

*jmur isawtu.* Leonard Seysun stqarr li l-imputat *ta daqqa ta' ras lil Maria u żar minn ħdejha, stordiha, waqgħet ma' l-art u jiena mort ġbartha dak il-ħin. Sa' dan il-ħin, dan mar fejn il-bieb, mexa', faqa' l-ħġieġa u daħal għal Luca u qabad itih hemm ġew.* Tenna li Marija Agius kienet storduta *u bid-demm ħiereġ ukoll minn imnieħirha. Imbagħad x'ħin ma rajtux u smajt lil Luca jgħajjat għidt qed isawwat lil Luca jien. ... imbagħad mort fil-kamra tal-banju u rajtu jtih. ... Qbadna nagħtu mhux waqqaftu. Waqqaftu milli jsawwat lil Luca. ... Dħalt għalih u tajtu rest mill-ewwel. Dak kien qed isawwat lil Luca.* Tenna li tah daqqa *ġo rasu, dar għaliija, qbadna nagħtu u waqajna fil-banju.* Kif kienu fil-banju, dejjem skond Leonard Seysun, Luca Agius ħareġ mill-kamra tal-banju għaliex l-imputat beda jgħidlu biex jitilqu għax kien qed iżommu *b'id waħda u b'id l-oħra. Beda jgħidli biex nitilqu iktar minn darba mbagħad tlaqtu u x'ħin qam reġa' mar għalihom biex isawwathom. ... Imbagħad x'ħin rajtu qed isawwat lil Marija reġa' fejn il-bieb ... imbagħad jiena erġajt mort niddefendihom.* Seysun qal li l-imputat ħataf lil Marija Agius u beda jagħtiha, *tgħidlix kif imma daqqiet beda jtiha. ... Beda jtiha daqqiet. ... imbagħad qbadt squeezer jien u tajtu biha.* Mistosqi fejn laqat lill-imputat bl-isqueezer, Leonard Seysun wieġeb *f'wiċċu għax kien fil-ġenb hekk. ... ġo rasu u f'għajnejh.* Mistoqsi jekk huwa tressaqx il-Qorti in konnessjoni ma' dan l-inċident, Leonard Seysun wieġeb *le, ma niftakarx li tlajt il-Qorti. Alla ħares m'għamiltx hekk għax kien joqtol lil xi ħadd minnhom.* Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni *għall-mistoqsija li qallek l-avukat jekk qattx tressaqt il-Qorti fuq dawn il-fatti, inti qatt tressaqt il-Qorti fuq dawn ill-fatti li għadek kemm xhedt fuqhom?* Leonard Seysun wieġeb *ma jidhirlix, ma niftakarx li tlajt il-Qorti fuqhom.* Mistoqsi mill-ġdid mill-Prosekuzzjoni *jien ressaqtek il-Qorti lilek?* Leonard Seysun wieġeb *le.*

**Luca Agius** xehed illi l-imputat, li jiġi ħuħ, *kien qed jgħix barra ilu u tħassartu għax kien jgħix barra u ħadtu d-dar jiena u kienu aċċettawh għal lejl sabiex ma jorqodx barra. Mill-lejl għamilha daru, konna noħorġu kien dejjem jheddidni u jagħtini. Eżempju darba konna fejn tal-boċċi ta' fejn San Girgor, qabad jagħtini, rajt il-Pulizija għaddejjin ippruvajt ngħidilhom biex jieqfu kompla jagħtini, ħabbatlli rasi xi tlett darbiet u baqa' jagħtini. ... Dak kien qed jgħix magħna u l-mummy kienet tkellmet mas-Social Worker Pauline u kienet qaltilha fuq l-abbuż li kien qed jagħtini u hekk u kienu ftehmu li l-mummy tippakkjalu l-ħwejjeġ, dak il-lejl jorqod hemm u l-għada joħroġ. Sakemm qed tippakkjalu l-ħwejjeġ beda jitkellem kelma ħażina biż-ż... u rrepetiha xi tliet darbiet u beda ħafna jparla fil-vojt u l-istep father, id-daddy qallu "Alexander tmisshiex għax dik mara". Dak il-ħin sfida lid-daddy u taha daqqa ta' ras ġo imneħirha. ... Il-mummy għax kienet storduta qaltli "ċempel lill-Pulizija" għax ma kienetx taf x'inhi tgħid fl-istess ħin. X'ħin mort fil-kamra tal-banju sakkart, hu ġie għalija, faqa' l-ħġieġa u ħabbatli rasi u dak il-ħin jiena bdejt nistordi ma kontx naf eżatt x'qed nagħmel. Li naf żgur huwa li mbagħad daħal id-daddy biex jaqbeż għalija għax dak il-ħin mort nara lill-mummy kif inhi u l-mummy qaltli "mur barra għajjat għall-għajjut u pprova waqqaf lil xi ħadd". X'ħin ħriġt barra l-istess, il-mummy bil-ftit saħħa li kellha bdiet iżżomm il-bieb u rnexxielu jimbuttaha u ħareġ għalija barra u beda jagħtini barra wkoll hu lili. ... Imbagħad hu ħareġ barra, ħa l-ġakketta u ħarab jiġri x'ħin sema' l-Pulizija telgħin għax sema' s-sirena. Imbagħad leħqu ġew il-Pulizija, imbagħad lilu qabduh u ma nafx kif eżatt qabduh. Imbagħad ġabu żewġ ambulanzi li ħadu lilu imbagħad lilna, dik biss naf jiena.* Luca Agius iddikjara li dan l-inċident seħħ fl-20 ta' Frar 2019.

In kontro-eżami[40] Luca Agius xehed illi *l-mummy, peress li kien qed jinqala' l-ġlied bejnietna u kien qed isawwattni u hekk, kienet kellmet lil xi ħadd u kien qalilha li ma tistax iżżommu minħabba li kien qed isawwat lili u hekk. Hu m'aċċettahiex għax il-mummy mingħalija kienet ippakkjatlu l-ħwejjeġ u hu m'aċċettahiex u inqala' l-argument. … Dakinhar mal-mummy kellu xi jgħid. … Il-mummy bdiet tkellmu u hekk u hu beda jgħajjat. … Qaltlu li ma jistax joqgħod hawnhekk iktar u hu m'aċċettahiex. … Ma niftakarx eżatt kif qaltlu imma naf li qaltlu li ma jistax jibqa' hemmhekk minħabba li għandna ordni. … Mingħand xi waħda Pauline mingħalija jisimha. … Jien għall-bidu ma ndħaltx imbagħad kont ħiereġ barra għaliex il-mummy x'ħin inqala' dak l-argument dakinhar kien se jkompli jżid u qaltli mur għajjat għall-għajnuna għax aħjar hekk. Imbagħad fil-mument nisma' lill-mummy tgħajjat u nidħol u nsibha ma' l-art bid-demm ħiereġ minn imnieħerha u nsib lil Alexander u lill-istep father tiegħi jagħtu dak il-ħin.* Mistoqsi jekk rax dak li ġara bejn ommu u l-imputat, Luca Agius wieġeb *le, jiena kull ma rajt lill-mummy ma' l-art u naf għax qaltli hi stess li taha daqqa ta' ras. … u kien hemm l-istep father xhud ukoll għax rah hu jiġifieri. Imbagħad l-istep father beda jiġġieled miegħu u hekk. … Fl-aħħar smajtu jgħid "Tuni l-flus u daqshekk, ħa nitlaq".* Mistoqsi x'kien għamel lilu l-imputat dakinhar ta' l-inċident, Luca Agius wieġeb *dakinhar ħabbattlli rasi fil-kamra tal-banju. Faqa' l-ħġieġa proprjament, daħal għalija u beda jħabbattli rasi mal-ħajt.*

**L-imputat**[41] xehed illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa kien joqgħod iż-Żejtun flimkien ma' omm ħuħ Luca Agius, Marija Agius, u mal-partner tagħha Leonard Seysun. Dwar dakinhar ta' l-inċident huwa ddikjara li *kont għadni kif nispiċċa mix-xogħol xi 20:30 u wasalt id-dar xi 20:45. … F'daqqa u l-ħin, jiġifieri waqt li kont qiegħed video call fuq Messenger mat-tfajla, nara lill-omm Luca dieħla fil-kamra fejn konna norqdu jien u ħija u ovvjament bdiet tippakkja l-affarijiet tiegħi. Jiena qomt minn fuq is-sufan u mort nistaqsiha x'kien qed jiġri. Issa dan kif għidtlek kienu kważi 21:00 dak il-ħin imbagħad. Wara qaltli li kellha xi meeting mas-social worker ta' ħija u qaltli li jiena m'inix addattat għal ma' ħija għax naqbad intih u hekk. Issa jiena qatt ma kont qbadt intih imma dejjem kont inwissih biex ma joqgħodx jiżbalja u l-ħmerijiet li kien qed jagħmel dak iż-żmien. Ifhimni kull aħwa jkollhom argumenti tagħhom imma qatt ma ġejna fl-idejn. Imbagħad dakinhar bdejt nistaqsiha għaliex u qaltli li riditni nitlaq il-barra. Imbagħad jiena għidtilha "issa jiena fejn se mmur noqgħod dan il-ħin filgħaxija?". … Kienu xi 21:00 u kont għadni kif nispiċċa minn ġurnata xogħol ukoll għaliex dakinhar kont xogħol Santa Luċija u kont xogħol iż-Żejtun stess għaliex quddiemna kien hemm Convenience ukoll għax dak iż-żmien kont naħdem mal-Convenience. X'ħin wasalt id-dar naraha qed tippakkja l-affarijiet, ovvjament ippruvajt nifhem x'inhu jiġri u jiena iddejjaqt onestament u ma ħadtx gost li ġiet u qaltli biex nitlaq il-barra għaliex kont se nispiċċa totalment barra fit-tirq u jiena għamilt xi ħames xhur ngħix barra fit-triq li mhux gost ta' xejn u ovvjament kieku kont se nispiċċa ngħix barra fit-triq kont se nitlef ix-xogħol u jiena ma ħadtx gost. Bdiet targumenta u skontha bdiet tgħid li jiena bdejt nippoppa sidri u semmiet li jiena ma bżajtx minn missierek aħseb u ara kemm se nibża' minnek. Din mid-dehra kien hemm xi kumplikazzjonijiet bejn l-aħwa wkoll u minn hemm qabdet u tagħtni daqqa ta' ħarta. Imbagħad ġie Leonard li jiġi l-għarus tagħha, step father ta' Luca, u hu ħaseb li se nagħmlilha xi ħaġa u reġa' daħal fil-kamra għax dak il-ħin kien qed jieħu xi sustanza. Jiena dak il-ħin imbagħad erġajt poġġejt bilqiegħda. Imbagħad hi qamet, bdiet tgħajjat u tilfithom u hi skontha bdiet tgħid li jiena tajtha daqqa ta' ras, issa jiena ma*

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, fol. 272 sa' 275 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020, fol. 249 sa' 254 tal-proċess.

*tajthiex daqqa b'rasi għax hi tatni daqqa b'rasha fil-verità. Jiena ħa nkun onest, jiena tant kemm rajt quddiem wiċċi li jiena l-ewwel wieħed kontra l-vjolenza fuq in-nisa, jiġifieri żgur li mhux se naqbad nagħtiha. Imbagħad x'ħin intefgħet ma' l-art, għaliex jiena dik ma nistax nifhem kif hi ntefgħet ma' l-art meta waqt li ġejna b'argumenti mbagħad għaliex imbagħad ovvjament x'ħin l-għarus tagħha Leonard rana qed nargumentaw, ovvjament daħal fin-nofs u l-ħaġa kibret iktar jiġifieri jiena onestament bdejt niddefendi lili innifsi għaliex tlieta kienu fuqi għax imbagħad daħal Luca wkoll.* Għall-mistoqsija *dak il-ħin, Alex, meta bdiet effettivament il-ġlieda, inti minn min bdejt tiddefendi ruħek?* l-imputat wieġeb *minn Leonard għax hu, Leonard, x'ħin raha ma' l-art ġie fuqi. … x'ħin rana li konna qed niġġieldu beda jipprova jifridna Luca u ovvjament dak iż-żmien kellu xi 15-il sena u kien bejn żewġ kbar jiġifieri ma setax. … Imbagħad jiena li naf żgur, waqt li konna qed nargumentaw, f'ħin minnhom Leonard qabadni f'headlock u ma stajt nagħmel xejn jiena li mbagħad minn hemmhekk bdejt inħoss id-daqqa f'rasi b'lasta, imbagħad eżatt x'ħin indawwar wiċċi naqla daqqa f'għajnejja, jiġifieri sa' llum il-ġurnata ma tantx għadni qed nara ħafna ċar minnha.* Mistoqsi min tah din id-daqqa, l-imputat wieġeb *omm Luca għax bħalissa mhux qed jiġini f'moħħi x'jisimha.* Spjega ulterjorment li *l-ewwel qlajt daqqa ta' ras mingħandha, imbagħad lejn l-aħħar qlajt daqqa ta' lasta f'rasi u f'għajnejja. … Imbagħad jiena tlabtha għal flokk u tawni ġakketta u jiena stess kont sejjer l-Għassa dak il-ħin imma ovvjament jiena ma kellix saħħa u ntfajt ma' l-art fil-main road taż-Żejtun fejn hemmhekk ġiet karozza ta' l-RIU u kellmuni.*

In kontro-eżami mistqosi *ara ngħidlekx sewwa li kont inti b'daqqa ta' ras li għamiltilha dak il-ksur?* - ossia lil Marija Agius li rriżulta li sofriet ksur f'imnieħerha - l-imputat wieġeb *le, jiena ma tajtha l-ebda daqqa ta' ras. … Jiena u Marija konna qegħdin face to face meta kienet hi li ppruvat tagħtini daqqa b'rasha u tagħtieli.* Mistoqsi wkoll *f'dawn l-atti proċesswali xehdu wkoll l-istep brother tiegħek Luca u anke Leonard. Dawn saħqu kif sofrew xi ġrieħi. Ara ngħidlekx sewwa li kont inti li għamiltilhom dawn il-ġrieħi?* l-imputat wieġeb *iva, b'self defence.* Għall-mistoqsijiet ulterjuri li sarulu, l-imputat wieġeb hekk: *inti semmejt kif Marija qaltlek biex toħroġ mid-dar, naqblu? Iva, eżatt. Jiġifieri wara li qaltlek biex toħroġ mid-dar, kienet hi li ġiet fuqek u tagħtek daqqa ta' ħarta, naqblu? Iva eżatt. U inti għamilt xi ħaġa dak il-ħin? Le, jiena ovvjament bqajt naqla' l-għajjat ġo wiċċi. Jiġigieri għal dik id-daqqa ta' ħarta jekk qed nifhmek sew, inti m'għamilt xejn u ma rreaġixxejtx, hux hekk? Le.*

Li dakinhar tal-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019, ġewwa l-fond Nru.1, "Il-Kikkra", Triq il-Labour, Żejtun, seħħet ġlieda bejn Marija Agius u l-imputat, u li fiha kienu involuti wkoll Leonard Seysun u Luca Agius, b'dan ta' l-aħħar jiġi ħu l-imputat, huwa, fil-fehma tal-Qorti, fatt indiskutibbli. Li kull min kien involut f'din il-ġlieda, inkluż l-imputat, safa' imweġġa, huwa wkoll fatt indiskutibbli. Hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi maħruġa minn Dr. Alexander Grima[42], it-Tabib li eżamina lil Marija Agius, Luca Agius u Leonard Seysun wara dan l-inċident, u mix-xhieda mogħtija minnu waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2019[43], *Leonard Emanuel Bernard Tony Seysun … sibt li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief li jinkludu tbenġil fuq żewġ ħaddejn, tbenġila madwar l-għajn tan-naħa tax-xellug u brix fuq l-għadma tal-ħalq tan-naħa t'isfel tax-xellug. … Eżaminajtu fit-13 ta' Frar. Eżaminajt ukoll lil Luke Agius, l-istess fit-13 ta' Frar u sibt li qed isofri minn ġrieħi ħfief. Dawn kienu jinkludu marka ħamra u tbenġil fuq in-naħa tax-xellug tar-ras, marka ħamra u tbenġil fuq in-naħa tal-lemin tan-nofs tad-dahar, kellu brix*

[42] Dok. "RA6" sa' Dok. "RA8" a fol. 22 sa' 24 tal-proċess.
[43] Fol. 36 u 37 tal-proċess.

*fuq in-naħa tal-ħaddejn tal-lemin. Eżaminajt ukoll lil Marija Agius fit-13 ta' Frar u sibt li kienet qed issofri minn ġrieħi gravi, kellha mnieħerha minfuħ, kellha tbenġil u brix fuq in-naħa tal-lemin ta' saqajha t'isfel u għamiltilha CTScan li kkonferma li kellha ksur ta' l-għadma ta' mnieħerha*. Għalkemm ma ġiex esebit ċertifikat mediku fir-rigward ta' l-imputat, jirriżulta li huwa fil-fatt sofra ġrieħi ħfief, liema ġrieħi ġew kawżati lilu minn Leonard Seysun, kif ammess minn dan ta' l-aħħar fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leonard Emanuel Bernard Tony Elvis Seysun" u għal liema huwa (ossia Seysun) ġie misjub ħati u ġie kkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal sitt xhur in forza ta' sentenza pronunċjata fil-konfront tiegħu minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Frar 2019[44].

Fil-fehma tal-Qorti l-punt kruċjali f'dawn il-proċeduri huwa kif Marija Agius sfat bi ksur f'imnieħerha; kisret imnieħerha għax kienet hi li tat daqqa ta' ras lill-imputat, liema azzjoni wasslet biex imbagħad Leonard Seysun u Luca Agius jaggredixxu lill-imputat li mbagħad kellu jiddefendi lilu nnifsu jew kien l-imputat li fil-kors tal-ġlieda ma' Marija Agius taha daqqa ta' ras u kisrilha mnieħerha, bil-konsegwenza li il-ġlieda kompliet tikber u l-imputat spiċċa fl-idejn ma' Leonard Seysun u ma' ħuħ lil ħuħ Luca?

Għalkemm l-imputat jallega li x'ħin hu u Marija Agius kienu wiċċ ma' wiċċ u qed jargumentaw hija qabdet u tatu daqqa ta' ras bil-konsegwenza li bid-daqqa kisret imnieħerha, ma jgħidx però fejn laqtitu eżatt u in verità lanqas jirriżulta li huwa kellu xi ġrieħi jew imqar tbenħil kompatibbli ma' din l-allegata daqqa ta' ras. La d-daqqa tant kienet b'saħħitha li Marija Agius kisret imnieħerha, ċertament l-imputat, *qua* l-persuna li kienet qed jirċievi d-daqqa u mhux jagħtiha, kien ikollu grieħi relattivi, grieħi li però jiġi ribadit ma rriżultawx. In effetti l-uniċi grieħi li kellu l-imputat u li anke jagħmel referenza għalihom hu stess, huma fuq rasu u f'għajnejh wara li qala daqqa ta' squeezer. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti iktar temmen il-verżjoni tal-fatti ta' Marija Agius dwar kif spiċċat b'imnieħerha miksur, ossia li waqt li kienet qed tipprova twaqqaf lill-imputat milli jmur wara binha Luca Agius, u dan fil-kors tal-ġlieda li kien hemm għaddejja, l-imputat dar u taha daqqa ta' ras.

F'dan ir-rigward però l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-verżjoni tal-fatti dwar kif sfat imweġġa' Marija Agius mogħtija minn Leonard Seysun u minn Luca Agius assolutament ma hijiex kredibbli. In kwantu rigwarda Luca Agius, huwa ta verżjoni mod fix-xhieda in eżami iżda imbagħad in kontro-eżami ta xhieda mod ieħor u in kwantu rigwarda Leonard Seysun huwa dawwar il-fatti b'tali mod biex iġibha li kien l-imputat l-uniku aggressur f'dan il-każ u mhux li kienet ġlieda bejniethom ilkoll fejn appuntu lkoll taw u lkoll qalgħu. Naturalment dan ma jneħħi xejn mir-responsabilitajiet ta' l-imputat fir-rigward ta' l-akkadut però ċertament dak li seħħ ma seħħx minħabba aggressjoni unilaterali da parte tiegħu. Il-kredibilità ta' Leonard Seysun li jipprova jpinġi lill-imputat bħala l-aggressur uniku u unilaterali f'dan il-każ, hija ulterjorment imminta mill-fatt li konvenjentement nesa' l-eżistenza tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis Seysun" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Frar 2019[45], fejn huwa nstab ħati u ġie debitament sentenzjat talli *fil-lejll ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 ġewwa l-fond 1, Il-Kikkra, Triq il-Labourt, Żejtun, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin: mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Alex Junior Mamo hekk kif iċċertifika Dr. Justine De Gray (numru ta' reġistrazzjoni medika 3966).*

[44] Fol. 290 sa' 292 tal-proċess.
[45] Fol. 290 sa' 292 tal-proċess.

Stabbilit l-involviment attiv ta' l-imputat fil-ġlieda li seħħet fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 fil-fond Nru.1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun, bejnu u bejn Maria Agius u Leonard Seysun u anke Luca Agius, il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza l-imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**L-ewwel imputazzjoni -** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marija Agius, kif iċċertifika Dr. Alex Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137. Skond in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[46], il-Qorti għandha tikkonsidra ssibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 214 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kulll min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna*. L-Artikolu 215 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa*. L-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) l-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħasma sa' għaxar snin - (a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibillha l-abort. (2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk. (3) Il-pieni għar-reati imsemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.*

Huwa evidenti għalhekk li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija dik ta' offiża gravissima fuq il-persuna ta' Marija Agius.

Marija Agius ġiet eżaminata mill-Espert Mediku maħtur mill-Qorti t-Tabib Dr. Mario Scerri fit-18 ta' Lulju 2019. Wara li eżamina lil Marija Agius, l-Espert Mediku ikkonstata u kkonkluda s-segwenti: *Maria Agius allegat mal-esponent illi nhar it-12 ta' Frar 2019 din kellha inċident ma' l-imputat Alexander Mamo fejn allegatament dan taha daqqa ta' ras fuq imneħerha. Illi riżultat ta' dan din kellha tittieħed l-isptar Mater Dei fejn ittieħdilha X-Ray u kellha tittieħed fid-dipartiment ta' l-ENT għar-raġuni illi nstab li din kelllha frattura tan-nasal bone. Illi din kellha wkoll bilateral periorbital haematomae. Illi l-għadma ta' l-imnieħer kienet għadha tidher minfuħa. Illi ma jidhirx illi s-septum kien deviated. Illi n-nostrils kienu ta' l-istess kalibru. Illi ma kienx hemm aktar leżjonijiet viżibbli riżultat ta' dan l-allegat inċident. ... Wara li l-esponent aċċeda l-ispiżerija Remedies f'Ta' Xbiex fejn hemm huwa eżamina lil Marija Agius, jikkonkludi: 1. Illi nhar it-12 ta' Frar 2019 allegatament Maria Agius kienet involuta f'inċident ma' l-imputat Alexander Mamo fejn dan allegatament taha daqqa ta' ras fuq imnieħirha; 2. Illi din spiċċat bi frattura tan-nasal bone u periorbital haematomae; 3. Illi dawn il-leżjonijiet huma kompatibbli ma' blunt trauma. 4. Illi din il-leżjoni hija klassifikata bħala leżjoni ta' natura gravi per durata*[47]. Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti

[46] Fol. 200 u 201 tal-proċess.
[47] Dok. "MS" a fol. 147 sa' 158 tal-proċess.

waqt is-sedua ta' l-1 ta' Awwissu 2019, l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri tenna, *inter alia,* li *mnieħirha baqa' jidher daqsxejn minfuħ però s-septum ma huwiex displaced, apparti n-nefħa li għandha fuq in-nasal bone jidher li mneħirha huwa dritt u f'postu, imma hija frattura grievous per durata.*

Kif diversi drabi gie ritenut mill-Qrati nostrali *l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi ai fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku tagħna. Fil-ġurisprudenza huwa paċifiku li: "Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hiex, għalhekk, kwistjoni li tiddependi neċċessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża. Illi aktar minn hekk huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużżjoni differenti minn dik tat-tobba.*[48]

Fil-każ in eżami l-Avukat Ġenerali ma ndikax fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju taħt liema subparagrafu ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jistgħu jew għandhom jitqiesu li jaqgħu l-ġrieħi sofferti minn Marija Agius f'imnieħerha. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ad eċċezzjoni, u dana għal raġunijiet partikolarment ovvji in kwantu ma jirriżultawx, tas-subparagrafu (ċ) ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ser tqis jekk f'dan il-każ jsibux applikazzjoni o meno l-provvedimenti tas-subparagrafi (a) u (b) ta' l-imsemmi Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-subparagrafu (a) ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi għal debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem jew marda permanenti tal-moħħ.

Għalkemm fil-każ in eżami l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri kklassifika l-ġrieħi sofferti minn Marija Agius bħala gravi *per durata* u dana minħabba l-ksur f'imniħerha, huwa ma kkonstata l-ebda konsegwenza b'riżultat ta' tali ksur, anzi kif già iktar 'l fuq osservat, fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti ddikjara *mnieħirha baqa' jidher daqsxejn minfuħ però s-septum ma huwiex displaced, apparti n-nefħa li għandha fuq in-nasal bone jidher li mneħirha huwa dritt u f'postu,* u ma tressqet l-ebda prova ulterjuri ta' xi konsegwenzi li Marija Agius tista' qed tbagħti bihom minħabba l-ksur f'imnieħerha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-offiża li sofriet Marija Agius ma tistax titqies li taqa' taħt id-definizzjoni tas-subparagrafu (a) ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-subparagrafu (b) ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi għal sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż.

Dwar l-isfreġju u mankament fil-wiċċ imsemmi fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - u anke fl-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - ġie diversi drabi

[48] Il-Pulizija v. Joseph Apap, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Frar 2018; Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004.

ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li: *b'mankament fil-wiċċ il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioè peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin'*[49].

Fil-każ in eżami ma jirriżultax li Marija Agius sofriet mankament jew sfreġju f'wiċċha kif rikjest sia fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti apparte dak osservat mill-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti, ossia, jiġi ribadit, li *mnieħirha baqa' jidher daqsxejn minfuħ però s-septum ma huwiex displaced, apparti n-nefħa li għandha fuq in-nasal bone jidher li mneħirha huwa dritt u f'postu,* il-Qorti rat lil Marija Agius meta din xehdet viva voce quddiemha, kemm ftit jiem wara l-inċident in kwistjoni kif ukoll fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020 u tista' tgħid u fil-fatt tikkonferma li ma jidher l-ebda mankament jew sfreġju f'wiċċha b'riżultat tal-ġrieħi li sofriet fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fil-fehma tal-Qorti l-ġrieħi sofferti minn Marija Agius u kif deskritti u kkwalifikati mill-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri, għad illi ma jaqawx taħt id-definizzjoni ta' l-Artikolu 218(1)(a),(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqgħu però taħt id-definizzjoni ta' offiża ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirreferi għall-marda tal-ġisem li ddum aktar minn tletin ġurnata biex tfieq. Ladarba r-reat prospettat fl-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa reat minuri u kompriż u involut fl-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kwotat u indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 6 ta' Marzu 2020, l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni b'dan li l-offiża kawżata hija gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni imputazzjoni -** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Luca Agius, liema persuna jiġi ħu l-imputat, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137. Skond in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[50], il-Qorti għandha tikkonsidra ssibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikoli 214, 215, 221, 222(1)(a) u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta ferm ċar li Luca Agius, ħu l-imputat u li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri kellu madwar erbatax-il sena, inqabad fil-ġlieda li seħħet fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 fil-fond Nru.1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun, u li bħala fatt sofra l-ġrieħi ċċertifikati u kkonfermati mit-Tabib Dr. Alexander Grima[51], liema ġrieħi ġew ikklassifikati bħala grieħi ħfief ai termini ta' l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dawn il-ġrieħi ħfief fuq Luca Agius ġew kawżati mill-imputat waqt il-ġlieda msemmija. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputat

[49] Il-Pulizija v. Joseph Apap, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti taĠ 'udikatura Kriminali fit-8 ta 'Frar 2018

[50] Fol. 200 u 201 tal-proċess.

[51] Ċertifikat mediku markat Dok. "RA7" a fol. 23 tal-proċess u x-xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2019, fol. 36 u 37 tal-proċess.

għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, bl-aggravanti kontemplata u prevista fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tielet imputazzjoni -** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'perikolu ċar ikkaġuna feriti ta' natura ġafifa fuq il-persuna ta' Leonard Seysun, hekk kif iċċertifika Dr. Alexander Paul Grima, Numru ta' Reġistrazzjoni Medika 4137. Skond in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[52], il-Qorti għandha tikkonsidra ssibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni wkoll, mill-provi prodotti l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li fil-ġlieda li seħħet fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 fil-fond Nru.1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun, l-imputat ikkawża l-grieħi ċċertifikati u ikkonfermati mit-Tabib Dr. Alexander Grima[53] fir-rigward ta' Leonard Seysun, liema ġrieħi ġew ikklassifikati bħala grieħi ħfief ai termini ta' l-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati ukoll tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' imputazzjoni -** Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal żmien erbgħa snin mogħtiija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta nhar it-22 ta' Awwissu 2016. Skond in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020 il-Qorti għandha tikkonsidra ssibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sentenza li ssir referenza għaliha fir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża fit-22 ta' Awwissu 2016, esebita bħala Dok. "RA1" a fol. 68 sa' 70 tal-proċess. Din is-sentenza ingħatat fil-konfront ta' Alex Junior Mamo, iben Xandru Kristin u Silvana neè Fenech, imwieled il-Pietà, fl-20 ta' Awwissu 1998, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 317698(M). Dawn il-konnotati jaqblu mal-konnotati ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant ma hemmx dubju li dik is-sentenza fil-fatt ingħatat fil-konfront tiegħu. B'dik is-sentenza l-imputat kien instab ħati tar-reati dedotti fil-konfront tiegħu f'dawk il-proċeduri u *inter alia* ġie kkundannat għall-perijodu ta' sentenjn priġunerija sospiżi għal perijodu ta' erba' snin dekoribbli mid-data tas-sentenza, u dana ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn dan isegwi li t-terminu operattiv tas-sentenza pronunċjata fit-22 ta' Awwissu 2016 beda jiddekorri mit-22 ta' Awwissu 2016 sat-22 ta' Awwissu 2020. Ir-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat fl-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu - u li tagħhom, skond dak iktar 'l fuq osservat, għandu jinstab ħati - seħħew fil-lejl ta' bejn it-12 ta' Frar u t-13 ta' Frar 2019, u cioè seħħew tul it-terminu operattiv tas-sentenza sospiża.

Għalkemm l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hemm instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skond l-artikolu 28Ċ li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza*

[52] Fol. 200 u 201 tal-proċess.
[53] Ċertifikat mediku markat Dok. "RA7" a fol. 23 tal-proċess u x-xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2019, fol. 36 u 37 tal-proċess.

*sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk sentenza tkun digà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ*, is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *jekk ir-reat l-ieħor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wieħed ta' natura involontarja jew jekk, fil-każ ta' xi xorta oħra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-ħati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin - (a) tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew (b) tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil: Iżda jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan.*

Fil-każ in eżami, kemm minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom inqalgħet il-glieda bejn l-imputat u Marija Agius, Luca Agius u Leonard Seysun: fejn Marija Agius filgħaxija relattivament fit-tard ħabta u sabta u bla pre-avviż qalet lill-imputat li kellu mill-għada filgħodu jitlaq mill-fond tagħha bil-konsegwenza għalhekk li mill-lum għall-għada l-imputat kien ser jerġa' jispiċċa jgħix barra fit-triq u fejn dak affermat minn Marija Agius dwar ir-raġuni tat-tkeċċija ta' l-imputat mid-dar tagħha u l-allegata ordni li ngħatat biex fil-fatt tkeċċih mill-fond tagħha ma ġewx pruvati bl-ebda mod, kif ukoll fid-dawl ta' l-attitudini posittiva li wera l-imputat tul il-kors tal-proċeduri, tant illi issa jidher li huwa *settled* u anke għandu xogħol, din il-Qorti ma tqisx li jkun opportun u fl-aħjar interessi ta' l-imputat li tordna li s-sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija tibda isseħħ.

Din il-fehma tal-Qorti hija bbażata wkoll - apparte dak minnha stess ravviżat mill-komportament ta' l-imputat quddiemha - fuq ix-xhieda tal-Probation Officer Anabel Bugeja[54] dwar l-attitudini ta' l-imputat sa' ftit taż-żmien qabel ma nqala' l-każ odjern, fejn iddikjarat: *jiena fil-preżent insegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Probation kif ukoll fuq żewġ ordinijiet ta' Ordni Proviżorji ta' Superviżjoni, wieħed minnhom huwa tal-każ odjern. Bejn wieħed u ieħor ilni nsegwi lis-Sur Mamo qisu mill-bidu ta' din is-sena minħabba li qabli kien hemm Uffiċjal tal-Probation oħra u il-każ sussegwentement għadda għandi. Fil-bidu kemm ilni nsegwieh jiena, Alex ma kienx jinżamm taħt arrest, kien qed jgħix barra fis-soċjetà, kien qed jirrisjedi f'fond ta' xi familjari tiegħu ġewwa ż-Żejtun, kien ukoll qed jaħdem, u kien qed jattendi b'mod regolari fi ħdan id-dipartiment. Irrid ngħid ukoll li minbarra appuntament miegħi bħala Uffiċjal tal-Probation, kien ukoll qed jattendi għal sezzjonijiet mal-Psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood. Dak iż-żmien kemm jiena kif ukoll il-Psikologu konna qed ninnutaw progress minn naħa tas-Sur Mamo. Il-problema prinċipali tas-Sur Mamo hija l-problema ta' rabja u l-mod ta' kif din immanifestat però dak iż-żmien konna qed ninnutaw progress fis-sens anki dak iż-żmien meta kien jiltaqa' ma' xi diffikultà jew xi saram, jidher li kien qed jindirizzaha b'mod tajjeb, b'mod aċċettat mill-kumplament tas-soċjetà. Problema ta' droga ma jidhirx li kien hemm u fil-fatt kienu ttieħdu testijiet ta' l-urina li kienu irriżultaw fin-negattiv għall-kokajina, kannabis u eroina u għaldaqstant ma kienx hemm problema tad-droga però imbagħad ġie akkużat b'dan il-każ odjern. Ikolli nammetti li kien bħal sajjetta fil-bnazzi però u anki ddiskutejtha mas-Sur Mamo riċentament, qisu s-Sur Mamo kellu bżonn daqsxejn perjodu ta' containment meta kien taħt arrest, primarjament minħabba l-fatt illi l-*

[54] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019, fol. 128 sa' 130 tal-proċess.

*akkomodazzjoni li kellu ma kienetx waħda stabbli minkejja li kien qed joqgħod ma' xi familjari u stante l-każ odjern. Fil-fatt anki nnutajt bidla fis-Sur Mamo, apparti bidla fejn tidħol attitudini, li huwa illum il-ġurnata huwa ħafna aktar kalm etc, anki bħala fiżika li huwa jidher fiżikament aħjar u fil-fatt anki stqarr miegħi li anki biex jiekol kienet tkun problema meta kien jirrisjedi f'din ir-residenza. … Jiena li nista' ngħid kemm minn naħa tal-ħabs kif ukoll qabel meta kien barra l-ħabs, minkejja d-diffikultajiet li kellu, kif digà aċċennajt, dejjem wera r-rispett lejja bħala Uffiċjal tal-Probation kif ukoll lejn il-Psikologu u anki nnutajna li kien hemm kambjament fl-attitudini tiegħu.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ttenni li ma tqisx li jkun opportun u fl-aħjar interessi ta' l-imputat li jiġi ordnat li s-sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija imposta bis-sentenza "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża fit-22 ta' Awwissu 2016 tibda sseħħ. Fiċ-ċert ikun aħjar jekk it-terminu ta' sospensjoni jiġġedded - anzi f'dan il-każ li jiġi riattivat. B'hekk bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu ta' sospensjoni tas-sentenza ta' sentejn (2) priġunerija impost fuq l-imputat bis-sentenza imsemmija datata 22 ta' Awwissu 2016, għandu jerġa jibda jiddekorri u dana għal perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

**Il-ħames imputazzjoni -** Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati li permezz tagħhom kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 2018. Skond in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[55] il-Qorti għandha tikkonsidra issibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2018, esebita a fol. 190 sa' 193 tal-proċess, l-imputat f'dawk il-proċeduri nstab ħati tar-reati hemm addebitati lilu u minflok ma ġiet inflitta piena fuqu huwa tqiegħed taħt Ordni ta' Probation taħt l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan, dejjem skond is-sentenza, għal perijodu ta' sentejn.

Għalkemm is-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2018 ġiet esebita, l-Ordni ta' Probation li kellu jinħareġ dakinhar fil-konfront ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri baqa' qatt ma ġie ppreżentat u fid-dawl ta' tali fatt din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat odjern ħati talli bil-kommissjoni tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri u li tagħhom qed jinstab ħati, huwa kiser l-Ordni ta' Probation stante appuntu li ma għandhiex konferma li d-Digriet relattiv għall-Ordni ta' Probation effettivament inħareġ.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Police v. Jeremiah Ani** deċiża fl-14 ta' Lulju 2020. F'dawk il-proċeduri l-imputat kien ġie *inter alia* akkużat bil-ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront tiegħu iżda, għalkemm kien hemm fotokopja ta' l-Ordni esebita fl-atti (u mhux assolutament xejn bħal ma hu l-każ fil-każ in eżami) il-Qorti ta' l-Appell illiberatu minn dik l-imputazzjoni. Dik il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *the Court made reference to the records of the proceedings from where it transpires that the Protection Order was really an informal photocopy of a purported original document. This document was not duly authenticated. Moreover the Prosecuting Officer who was prosecuting the case where the Protection Order was eventually issued never took the*

[55] Fol. 200 u 201 tal-proċess.

*stand to confirm the same and if needed the identity of the person subject to the said Protection Order. Neither does it result from the records of the proceedings that the Registrar of Courts or the Deputy Registrar attached to the Court which issued the Protection Order ever took the stand in order to confirm the authenticity of the Protection order at fol 17. Furthermore, neither had it been proved beyond reasonable doubt that the said Protection Order was effective at the time of these allegations and this owing to the fact that no evidence was brought as to whether an appeal was ever lodged with regards to the judgement awarding the Protection Order at issue, in which event, the application of the order would have been held in abeyance until the Court of Appeal decided the matter at hand, lest a provisional one would have been issued – and which was not shown to have been the case. It is true that statements have been made about the application or imposition of the Protection Order by some of the witnesses tendering evidence in this case but this Court is of the opinion that it needs further and official confirmation of the order imposed and the application thereof at the time of the alleged offences in order to uphold its breach.*

La b'fotokopja ta' Ordni maħruġ mill-Qorti persuna ma tistax tinstab ħatja ta' ksur ta' dak l-Ordni u dana għar-raġunijiet indikati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza appena ċitata, isegwi u huwa ferm ovvju li fl-assenza totali ta' l-Ordni - fil-każ in eżami ta' Ordni ta' Probation - fl-atti proċesswali, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ksur ta' dak l-Ordni, dejjem in bażi għar-raġunijiet mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-imsemmija sentenza **Police v. Ani**.

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għandu jiġi liberat mill-istess imputazzjoni.

**Reċidiva -** Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Marzu 2020[56] jirriżulta li l-Qorti għandha tikkonsidra issibx ħtija fl-imputat ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè jekk l-imputat għandux jitqies bħala reċidiv. L-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għall reat b'sentenza, ukoll meta moghtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni esebiet żewġ sentenzi skontha mogħtija fil-konfront ta' l-imputat: ossia s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Awwissu 2016 u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Junior Mamo" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2018. Hija biss l-ewwel sentenza imsemmija, ossia dik tat-22 ta' Awwissu 2016, li għandha konnotati suffiċjenti biex jista' jiġi stabilit li fil-fatt l-imputat f'dawk il-proċeduri u sentenzjat b'dik is-sentenza huwa l-istess imputat odjern. It-tieni sentenza msemmija, ossia dik datata 30 ta' Ottubru 2018 issemmi biss Karta ta' l-Identità li fil-fehma tal-Qorti waħdeha u mingħajr prova ulterjuri ma hijiex suffiċjenti biex titqies bħala prova 'l hin minn kull dubju raġjonevoli ta' l-identità ta' l-imputat.

Detto ciò però jirriżulta li l-imputat odjern kien ġie sentenzjat fit-22 ta' Awwissu 2016 u mill-fedina penali tiegħu jidher li din kienet sentenza finali u għaldaqstant huwa fil-fatt għandu jinstab u jitqies reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[56] Fol. 200 u 201 tal-proċess.

**Difiża ta' leġittima difiża -** Trattati l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat u stabilita l-ħtija o meno ta' l-imputat fir-rigward, il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta ġustifikazzjoni/difiża sollevata mill-istess imputat fir-rigward ta' l-aġir tiegħu dakinhar tal-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 ġewwa l-fond Nru.1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun. In effetti fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020[57], l-imputat afferma li huwa ma kien qed jagħmel xejn għajr li jiddefendi lilu nnifsu peress illi kien hemm tlieta min-nies - Marija Agius, Luca Agius u Leonard Seysun - li daru kontra tiegħu u li fil-fatt il-ġrieħi lil Leonard Seysun għamilhomlu, fi kliemu stess, *b'self defence.*

Il-Qorti tibda billi tosserva li kif enunċjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Muscat** deċiża fit-12 ta' Marzu 1960, *meta l-leġittima difiża hi parti mid-difiża ta' l-imputat, mhux deżiderabbli li din l-eċċezzjoni tiġi sollevata kaswalment u "per incidens", imma hu aħjar li tiġi sollevata b'mod sostantiv u formali.* F'dan il-każ l-imputat għamel aċċenn għaliha fix-xhieda tiegħu però fl-ebda stadju ma ġiet formalizzata din l-eċċezzjoni u lanqas saret referenza għaliha fit-trattazzjoni orali.

Detto ciò però l-Qorti xorta waħda ser tidħol fil-kwistjoni tal-leġittima difiża u dwar jekk huwiex minnu li fil-każ in eżami l-imputat effettivament aġixxa in leġittima difiża għal aggressjoni da parte ta' Marija Agius, Leonard Seysun u Luca Agius.

L-Artikolu 233 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Huwa prinċipju ġuridiku assodat in materja li *d-dritt għall-leġittima difiża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda, il-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex dina l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Cioè t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri l-periklu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dina tista' tagħti lok biss għal provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw. Illi dwar l-element ta' l-inevitabilità l-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu Lectures in Criminal Law, Part I, jgħid hekk: "The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braced such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it*

[57] Fol. 249 sa' 254 tal-proċess.

*was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means". Illi minn qari akkurat ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma jirriżultalhiex sodisfaċentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka leġittima difesa da parte tiegħu u dana stante li d-difiża li saret da parte ta' l-imputat ma saritx "biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġisiferi ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur" u dana kif qalet il-Qorti fill-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Psaila*[58].

Meta l-fatti tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji appena ċitati jirriżulta b'mod ċar li d-difiża tal-leġittima difiża li għaliha l-imputat għamel referenza fix-xhieda tiegħu, ma tissussistix. Fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2019 ġewwa l-fond Nru. 1, Il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun, inqala' argument bejn Marija Agius u l-imputat, liema argument saħan u żbroffa fi ġlieda bejn il-partijiet kollha involuti fil-każ in eżami, inkluż għalhekk l-imputat, fejn kulħadd ta u kulħadd qala'. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-Artikolu 233 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati. Qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkostanzi li taw lok għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u l-fatt li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha hawn fuq dedotti:

**1.** Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 214, 215, 216(1)(d), 221 u 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fil-fehma tagħha jissussitu raġunijiet validi għas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija hawn impost - senjatament iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami u anke l-progress posittiv ta' l-imputat kif elenkati iktar 'l fuq - ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tissosspendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza. Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni għall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni mogħti illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha;

**2.** Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28A u 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq f'din is-sentenza ma hijiex qed tordna li s-sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija imposta fuq l-imputat in forza tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Alex Mamo" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Awwissu 2016 tidħol fis-seħħ ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, imma minflok ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tirriattiva t-terminu ta' erba' (4) snin sospensjoni hemm impost u b'hekk terġa tissosspendi il-perijodu ta' sentejn

[58] Il-Pulizija v. Carmel Zammit, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-10 ta' Marzu 2014; Il-Pulizija v. Joseph Psaila, deċiża fl-20 ta' Jannar 1995.

priġunerija impost fuq l-imputat bl-imsemmija sentenza tat-22 ta' Awwissu 2016, għall-perijodu ieħor ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

3. Mhux qed issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti, matul il-perijodi operattivi imposti fuqu b'din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Din is-sentenza u d-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Marija Agius, Luca Agius u Leonard Seysun, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' mitiejn sitta u sittin Euro (€266) rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra tat-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku f'dawn il-proċeduri. Dana l-ħlas għandu jsiru fi żmien massimu u mhux prorogabbli ta' tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**